MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2015

Numru. 1184/2014

**Il-Pulizija**

**Spettur Yvonne Farrugia**

**vs**

**Claire Sciortino**

**Alfred Martin**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’

**Claire Sciortino** detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 193869M; u

**Alfred Martin** detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 320863(M)

Akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer, fil-perjodu minn Jannar 2010 sa Ottubru 2014, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li kisru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda:

1. Approprjaw ruhhom, billi dawru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, minn oggetti ta’ haddiehor li gew fdati jew ikkunsinnati lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnhom specifikat, u dan ghad-dannu tas-Socjeta’ Collis Williams Limited u/jew ta’ Eric Fenech Pace li jammonta aktar minn hamest elef euro (€5,000), u liema oggetti gew fdati jew ikkunsinnati lilhom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghkom jew minhabba depozitu necessarju;

2. B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex igeghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta’ aktar minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu tas-Socjeta’ Collis Williams Limited u/jew ta’ Eric Fenech Pace;

3. Ghamlu qligh iehor b`qerq mhux msemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ta’ aktar minn hamest elef euro (€5,000) ghad-dannu tas-Socjeta’ Collis Williams Limited u/jew ta’ Eric Fenech Pace;

4. Ikkommettew serq ta’ diversi oggetti b’valur ta’ aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tas-Socjeta’ Collis Williams Limited u/jew ta’ Eric Fenech Pace, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna.

Claire Sciortino wahedha:

5. Ukoll talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, immodifikat *data, software* jew dokumentazzjoni ta’ appogg, liema reat sar minnha bhala impjegata bi pregudizzju tal-principal taghha, u cioe’ tas-Socjeta’ Collis Williams Limited u/jew ta’ Eric Fenech Pace;

6. Aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, installat, nehhiet, bidlet, ghamlet hsara, hasret, iddeterjorat, razznet, qerdet, varjat jew ziedet ma’ xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appogg, liema reat sar minnha bhala impjegata bi pregudizzju tal-principal taghha, u cioe’ tas-Socjeta’ Collis Williams Limited u/jew ta’ Eric Fenech Pace.

Alfred Martin wahdu:

7. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li kien indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti li jammontaw ghal aktar minn hamest elef euro (€5,000), liema oggetti kienu gejjin minn frodi jew serq ghad-dannu tas-Socjeta' Collis Williams Limited u/jew ta' Eric Fenech Pace.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata Claire Sciortino kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-8 ta' Mejju, 2015 ghall-ewwel (1), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuza migjuba fil-konfront taghha.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat Alfred Martin kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-8 ta' Mejju, 2015 ghall-ewwel (1) u ghas-seba' (7) akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputati, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta’ l-akkuzi migjuba kontra taghhom kif minnhom ammessa.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li l-imputati ghandhom fedina penali nadifa u kif ukoll il-fatt li l-ammont involut thallas kollu lura lill-vittma.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 337C(1)(a), 337F(3)(a), 337C(1)(g), 337F(3)(a) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata Claire Sciortino hatja tal-ewwel (1), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u tikkundannaha sentejn (2) prigunerija li b’ applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum. Stante li t-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba’ (4) imputazzjoni nghataw bhala

alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li taghhom l-imputata nstabet hatja l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dawn l-imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 334(c) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Alfred Martin hati tal-ewwel (1) u tas-seba’ (7) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b’ applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum. Stante li t-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba’ (4) imputazzjoni nghataw bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dawn l-imputazzjonijiet.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma’ kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------